MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 186/2003

**Avviz numru 186/2003DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**George Degabriele**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija hamsa u tmenin lira Maltin (Lm3,585) in kwantu ghal tlett t'elef hames mija sitta u sittin lira (Lm3,566) dovuti ghal Flexicredit Loan Account numru zero sitta erba' zero hamsa disa' tmienja zero wiehed tlieta zero zero (064-059801-300, u dsatax il-Lira (Lm19) dovuti fuq Saving Account numru zero erba' seba' zero tmienja wiehed zero hamsa erba' zero hamsa zero (047-081054-050) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-28 ta' Settembru 2002.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 2002 u bl-interessi skond il-Ligi mit-28 ta’ Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lir-rapprezentant legali tal-bank attur il-PL Jonatham De Maria, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-bank attur is-somma mitluba ta’ tlett elef hames mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm3,585) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mit-28 ta’ Settembru tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------